KOMPETENZA RATIONE MATERIAE

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Mejju 2018

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 641/2016/LSO**

**Jason Pisani u Jody Pisani bhala mandatarji tal-assenti Stella Stables u b' digriet tal-5 ta' Frar 2018 assumew l-atti tal-kawza s-socjeta` Protection Services Malta Ltd minflok l-atturi**

**vs**

**Marwan Zeina (ID. 410405(L))**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Jason Pisani (ID. 150673(M)) u Jody Pisani (ID. 175379(M)) bhala mandatarji tal-assenti Stella Stables datat l-1 ta' Awwissu 2016 fejn esponew: -

1. Illi l-attrici assenti hija proprjetarja tal-fond 116, Republic Street, Valletta.

2. Illi l-esponenti ghamlu konvenju mal-attrici assenti sabiex jixtru l-imsemmi fond (Dok A). Huma inghataw ukoll mandat sabiex jipprocedu bil-kawza odjerna.

3. Illi l-konvenut qieghed jokkupa l-fond in kwistjoni b'mod abbuziv u illegali u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

4. Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex jizgombra mill-fond in kwistjoni pero` baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:-

Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut qieghed jokkupa l-fond 116, Republic Street, Valletta, tordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi, jizgombra mill-imsemmi fond 116, Republic Street, Valletta.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata ta' Marwan Zeina datata 10 ta' Jannar 2017 (fol 14) fejn espona :-

1. Illi primarjament, il-Kovenut qed jeccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza *stante* illi l-validita` *o meno* ta' skrittura ta' kera hija fil-Bord Ii Jirregola l-Kera u mhux il-Qrati ordinarja;

2. Il-Konvenut m'ghandux relazzjoni guridika ma' Stella Stables. Il-proprjetarja tar-residenti tieghu hija Stella Staples;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Jason Pisani u Jody Pisani, iridu jaghmlu l-prova tal-prokura taghhom ta' l-assenti Stella Stables;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi noe huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi s-sid tal-proprjeta`, suggett ta' din l-azzjoni, estendiet il-kirja bl-istess perjodu taI-4 ta' April 2005, meta accettat biex taccetta l-kera wara li skada t-terminu;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Stella Staples ma kellha l-ebda intenzjoni li tintavola dina l-azzjoni fl-1 ta'

Awwissu 2016, *stante* illi accettat il-kera sal-1 ta' Novembru 2016 (Dok A - G);

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors ta' Protection Services Malta Limited (C60430) (fol 41) ipprezentat *seduta stante* fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017, fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha tawtorizza lil Protection Services Malta Limited (C60430) tassumi l-atti tal-kawza minflok l-atturi attwali u dan *a tenur* tal-artikolu 810A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti, bid-digriet taghha tal-5 ta' Frar 2018 : "*tilqa' it-talba u tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti sabiex tassumi l-atti tal-kawza minflok l-atturi attwali u tordna li jsiru z-zidiet opportuni." (*fol 57 *et seq).*

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 27 ta' Marzu 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attur. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet: Dr Malcolm Mifsud u Dr Joseph Gatt, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghall-31 ta' Mejju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija sentenza *in parte* fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat.

Illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob li l-intimat jigi zgumbrat mill-fond 116 Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, billi qed jokkupah minghajr titolu validu fil-ligi.

Illi l-intimat laqa’ preliminarjament billi eccepixxa l-kompetenza tal-Qorti *ratione materiae stante* l-validita` *o meno* ta’ skrittura ta’ kera mhijiex tal-Qorti ordinarja, izda tal-Bord Li Jirregola l-Kera.

**<u>Fatti:</u>**

Illi jirrizulta li originarjament, ir-rikorrenti f’dan il-kaz kienu Jason Pisani u Jody Pisani bhala mandatarji ta’ l-assenti Stella Stables (sic Staples). Jirrizulta li Jason u Jody Pisani kienu ghamlu konvenju ma’ Stella Stables fir-rigward tal-fond in kwstjoni, liema konvenju, datat is-27 ta' Gunju 2016, huwa esebit bhala Dok A (fol 3-5 tal-process). Fil-mori ta’ dan il-kaz, gie pprezentat rikors mis-socjeta` Protection Services Malta Limited sabiex tassumi l-atti minflok ir-rikorrenti attwali *ai termini* tal-artikolu 810A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Gie verbalizzat, li l-imsemmija proprjeta` inxtrat mis-socjeta` “Protection Services Malta Limited” kif jidher mill-kuntratti a fol 42 *et sequens* tal-process. Ghalhekk, permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti datat 5 ta’ Frar 2018 (fol 60), gie deciz li s-socjeta` Protection

Services Malta Limited tassumi l-atti tal-kaz minflok ir-rikorrenti Pisani.

Inoltre, fl-istess digriet, giet sorvolata l-kwistjoni, dwar il-prokura li kellhom ir-rikorrenti Pisani, li kienet verbali, u li tqieset li hija sufficjenti *ai fini* tal-artikolu 180 tal-Kap 12. Ghalhekk, referibbilment ghall-verbal datat 30 ta' Novembru 2017 (fol 40) u *in vista* tas-suespost, din il-Qorti ser taghti din id-decizjoni limitatament fuq l-ewwel eccezzjoni, li titratta l-kompetenza *ratione materiae*.

**Provi:**

**Jason Pisani** xehed (fol 34-37) (fol 62-67)[1] li qal kienu ghamlu konvenju ma' Stella Stables, flimkien mas-*sanction letter* mill-Bank, bil-patt li jiehdu hsieb hu u huh Jody li jizgombraw lill-intimat mill-imsemmi fond. Izda baqa' ma ghamilx il-kuntratt finali. Spjega li kien interessat jixtri l-fond in kwistjoni u Stella Stables kienet spjegat li hemm persuna jirrisjedi fil-fond, li ma jridx johrog mill-fond u li dahlilha hemm bla kuntratt. Semma li kien tkellem ma' ulied l-intimat, li kienu kkoncedew li missierhom johrog mill-fond. Zied ighid, li l-fond jinsab fi stat ta' abbandun.

In **kontro-ezami** qal, li minn kliem Stella Stables, qalet li l-intimat qatt ma hallas kera. Mistoqsi dwar ricevuti tal-kera f'isem l-intimat, qal hemm ricevuti bla firem u anke b'firem falsifikati, izda m'ghamlux rapport lill-Pulizija dwar dan. Semma li Stella Staples tghix fl-Ingilterra u ilha hemm 40

[1] Seduta tas-16 ta' Mejju 2017; Seduta tal-15 ta' Frar 2018.

sena, kienu jikkomunikaw bit-telefon, izda giet kemm-il darba giet Malta anke minhabba l-kuntratti ghand in-Nutar. Qal li hu infurmat li ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena l-intimat ma hallasx kera. Mistoqsi jafx dwar kera depozitata l-Qorti, qal li ma jafx dwar dan.

**Dritt u applikazzjoni ghall-kaz *de quo*:**

Huwa pacifikament accertat illi l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha. (**Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et** (Appell – 7 ta' Ottubru 1997).

Il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet **George Falzon et vs Raymond Buttigieg et** (28 ta' Marzu 2014) qalet li:

"……….*u filwaqt li kif gja` ssemma minghajr dubju l-kompetenza tohrog mill-att promotorju, jekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti tigi milqugha, l-attur ikollu allura xorta wahda jirrikorri ghall-Bord li Jirregola l-Kera jekk irid jiehu pussess tal-fond in kwistjoni – izda mbaghad fuq kawzali ghal kollox differenti ghaliex tkun giet stabbilita gudizzjarjament relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet*. *Ghalhekk, ladarba l-ewwel Qorti ddecidiet biss, kif giet mitluba taghmel fuq l-ewwel eccezzjoni hija ghamlet sew li kkoncentrat fuq it-talba tal-attur* (kif iddikjarat is-sentenza

Refalo vs Azzopardi fuq imsemmija) *li kienet titlob l-izgumbrament fuq il-kawzali li l-konvenuti ma ghandhomx titolu u allura kkonkludiet gustament li fuq dik il-bazi li hija kellha tisma' l-kawza u tiddecidiha."*

Illi fi kliem iehor allura l-Qorti tal-Appell iddecidiet li fejn l-attur jallega li l-konvenut ma ghandux titolu, hija l-Prim' Awla li ghandha kompetenza tisma' l-kaz.  Dan jaghmel sens anke logiku ghaliex il-kompetenza ma tistax tigi michuda semplicement ghaliex il-konvenut jeccepixxi illi ghandu titolu ta' lokazzjoni; naturalment dejjem salv li l-attur imbaghad irnexxielu jipprova li l-konvenut qed jokkupa minghajr titolu.

Illi kif irreteniet din l-istess Qorti fuq skorta tal-gurisprudenza fil-kaz fl-ismijiet **Strickland Limited vs Maria Frendo** (deciza fl-24 ta' Marzu 2015):

"*Din it-talba qed issir mis-socjeta` bhala sid u mhux qua lokatur.  Fi kwalunkwe azzjoni t-talbiet tal-attur huma vitali sabiex ikun stradat il-kaz quddiem dik il-Qorti kompetenti u t-talba tar-rikorrenti fil-kawza odjerna hi sabiex "tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond … previa dikjarazzjoni li qed tokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi*."

*"Inoltre` ma jirrizultax mit-talba li l-izgumbrament qed jintalab abbazi ta' xi ksur ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet naxxenti mill-kirja*." (Ara wkoll "**Leo Stafrace et vs Charles Sammut**" (P.A. LSO – 30 ta' April 2015).

Illi dan hu konformi mal-gurisprudenza kostanti antecedenti li *una volta* l-Qorti ordinarja tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ghandu titlu ta' lokazzjoni allura ma titqiesx izjed kompetenti. (Ara **Vincent Camilleri noe vs Pio Muscat** – Appell Sede Inf. 21.02.1986).

Illi fil-kaz fl-ismijiet **Peter Sammut Briffa vs Maria Dolores Zammit et** (App. Sede Inf. Per GCD – 17.10.2002) il-Qorti fissret is-segwenti:

"*Din il-Qorti ma taqbilx illi l-Qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja ma ghandhomx il-kompetenza biex jaqtghu din il-kwistjoni ghax hi mhollija fil-kompetenza tat-tribunal specjali. It-tribunal specjali ghandu kompetenza limitata; ghandu biss is-setgha li jara ghandux jaghti permess lil sid il-kera ta' raba` li jrid jibdel il-kondizzjonijiet tal-kiri jew irid illi ma jgeddidx il-kiri favur kerrej meta jintemm. Dan ma jfissirx li kull meta tissemma l-kelma "kera" l-qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja jitilfu l-kompetenza. Jekk ghad-determinazzjoni ta' kwistjoni quddiem qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja ikun mehtieg illi qabel xejn tinghata twegiba ghall-kwistjoni incidentali jekk il-konvneut huwiex kerrej jew le, il-qorti ghandha wkoll is-setgha li taqta' dik il-kwistjoni incidentali. Din il-qorti ma taqbilx illi interpretazzjoni tal-ligi specjali tal-kera jista' jaghtiha biss it-tribunal specjali mwaqqaf taht dik il-ligi; is-setgha tal-qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja tieqaf biss meta l-kwistjoni tkun dwar jekk sid il-kera jistax jibdel il-kondizzjonijiet tal-kiri jew jistax ma jgeddidx il-kiri favur 'kerrej' meta jintemm."*

Minbarra l-artikoli tal-ligi fil-Kodici Civili b'mod partikolari, l-**artikolu 1525 tal-Kap 16**, issir referenza ghall-**artikolu 16(4) tal-Kapitolu 69** (Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini:

*"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, il-Bord ghandu wkoll jiddeciedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummercjali u dan ghat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili Fuq il-Kuntratti, inkluzi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja."*

Issa dwar l-applikazzjoni ta' dawn iz-zewg artikoli, din il-Qorti ser tikkwota dak li ntqal fil-kaz diga sucitat, **Salvatore Bartolo et vs Anthony Deguara et**, Qorti tal-App. Inf. 16.12.2015:

*"i. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-Artikolu 16(4) tal-Kap 69 ghandu jipprevali fuq l-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili. Iz-zewg provvedimenti tal-ligi gew introdotti bis-sahha tal-istess ligi, u l-applikazzjoni ta' wiehed ma jiddependix mill-iehor.*

*ii. Wiehed jista' jargumenta li l-Artikolu 16(4) tal-Kap 69 japplika fejn il-kirja tkun ghadha fis-sehh in kwantu jipprovdi li l-Bord ghandu jiddeciedi … "l-materji kollha li* ***jolqtu kirjiet*** *ta' fondi urbani……" u fit-test Ingliz: "……****affecting the leases*** *of urban property." Il-kelma "jolqtu" bl-Ingliz "affecting" taghti lil wiehed x'jifhem li tirreferi ghal kirja*

*ezistenti u mhux li tkun spiccat. Il-kliem "…inkluz kawzi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn* ***il-kirjiet ikunu ntemmu****…"* *jistghu ikomplu jsahhu l-fehma li l-kelma* ***kirjiet*** *fl-ewwel parti tal-provvediment qeghda tirreferi ghal kirja li ghadha fis-sehh. Pero`, l-interpretazzjoni tal-artikolu 1525 tal-Kodici Civili m'ghandhiex tiddependi mill-interpretazzjoni tal-Artikoli 16(4) tal-Kap 69. Fil-fatt, l-artikolu 16(4) hu intiz biss biex jaghti lill-Bord* ***ukoll*** *l-kompetenza li jiddeciedi l-materji li jissemmew f'dak il-provvediment. Tant hu hekk, li fl-Artikolu 16(4) tal-Kap 69 jinghad li "…l-Bord ghandu* ***wkoll*** *jiddeciedi l-materji…." Ghalhekk, il-kompetenza tal-Bord m'hijiex limitata biss ghal materji li jissemmew fl-imsemmi provvediment."*

*iii. L-artikolu 1525 jipprovdi li l-Bord hu kompetenti jiddeciedi "kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri". Din id-disposizzjoni ma taghmilx distinzjoni bejn kirjiet in vigore u ohrajn li ntemmu, u ghalhekk, fil-fehma tal-qorti m'ghandhiex tkun hi stess li tintroduci distinzjoni li l-ligi ma taghmilx."*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament dwar l-applikazzjoni ta' l-artikoli tal-ligi. Madankollu, jigi osservat, li fil-vertenza odjerna, is-socjeta` rikorrenti qed issostni li l-intimat mhuwiex jokkupa l-imsemmi fond u konsegwentement m'hemm l-ebda jedd fil-ligi. It-talba kif dedotta u l-premessi ma jindikawx li hemm kirja valida. Tant hu hekk, li jrid jigi stabbilit jekk hemmx kirja valida jew le, mhux biss tramite t-talbiet tal-atturi, izda anke *in vista* tal- eccezzjoni tal-intimat.

F'dan il-kuntest, huwa ferm relevanti l-kaz **Edmund Mifsud vs Doris Micallef**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016, li fissret id-distinzjoni f'materja ta' kompetenza estiza tal-Bord, wara l-emendi ntrodotti bl-Att X tal-2009.

F'dan il-kaz gie ritenut:

*"Il-kompetenza hija determinata mit-talba. Fil-kaz tal-lum, it-talba hija ghall-izgumbrament tal-konvenuta ghax intemm it-titolu ta' kiri li bih kienet qeghda zzomm il-fond. Il-kawza tal-lum ghalhekk, kif definita mill-attur stess, hija "dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja" u ghalhekk taqa' fil-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera. Li kieku l-attur talab biss l-izgumbrament tal-konvenuta ghax qeghda zzomm il-fond bla titolu, u l-konvenuta ressqet l-eccezzjoni li kellha titolu ta' kiri ghalkemm intemm, il-Qorti,…kien ikollha kompetenza tara jekk huwiex minnu li l-konvenuta kellha dak it-titolu, ghalkemm issa ntemm. Ladarba izda t-talba hija ghall-izgumbrament tal-konvenuta ghax intemmilha t-titolu ta' kiri, it-talba stess tiddetermina illi l-kompetenza hija tal-Bord li Jirregola l-Kera."*

Illi r-rikorrenti qed jikkontendu li l-intimat m'ghandu ebda titolu validu sabiex ikompli jiddetjeni l-fond in kwistjoni. Illi m'hemm l-ebda accenn fil-premessi tar-rikors promotur, li kien hemm kirja li, izda, giet terminata. Dan mhuwiex qed jigi premess fil-kaz in ezami. Difatti, dak premess hu, li qatt

ma ezistiet kirja fil-konfront tal-intimat, ghaldaqstant, qed jintalab l-izgumbrament tieghu mill-fond *de quo*.

Min-naha l-ohra, l-intimat sostna li kien hemm kirja u anke esbixxa skrittura ta' kera datata 4 ta' April 2005, ghal terminu ta' ghaxar snin, a fol 24-25. Difatti, fl-ewwel eccezzjoni preliminari, li qed tigi trattata, gie eccepit, li l-intimat qed jissolleva din l-eccezzjoni *stante* li trid jigi determinata l-validita` *o meno* ta' din l-iskrittura. *Di piu`*, l-intimat esebixxa wkoll ricevuti ta' kera datati fis-sena 2015 u 2016, li mad-daqqa t'ghajn jidhru iffirmati minn Stella Staples, mar-risposta tieghu, ghalkemm mhumiex ikkonfermati bil-gurament taghha.

Jinghad fl-ewwel lok, li sabiex l-eccezzjoni tal-intimat tigi akkolta, jehtieg jipprova li hemm relazzjoni lokatizja mar-rikorrenti. Illi da parti tal-intimat, esebixxa l-iskrittura ta' kera a fol 24, li kif eccepit minnu stess irid jigi indagat dwar il-validita` ta' din l-iskrittura.

Jigi nnutat, li fit-trattazzjoni, l-avukat difensur tal-intimat issottometta li l-parti l-ohra qed issostni li l-kirja skadiet. Izda bir-rispett kollu, dan il-punt sottomess fit-trattazzjoni ma jregix u huwa skorrett. Difatti, huwa biss l-intimat li qed isostni li kien hemm kirja u skadiet, billi esebixxa skrittura li trid tigi evalwata fir-rigward tal-validita` taghha, flimkien ma' ricevuti ta' kera tas-sena 2015 u tas-sena 2016. Minn ezami tal-premessi, t-talbiet u tal-atti tal-kaz, minn imkien ma jirrizulta, li r-rikorrenti qed jikkontendu li kien hemm kirja li skadiet. Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-kawzi citati mill-

avukat difensur tal-intimat fit-trattazzjoni, mhumiex ta' relevanza ghall-kaz odjern.

Illli gie kkjarifikat mill-avukat difensur tal-intimat fit-trattazzjoni, ir-raguni ghall-ewwel eccezzjoni kif imposta. Difatti, gie spjegat li l-intimat qed jikkontendi li giet accettata l-kera, anke wara l-prezentata ta' dan il-kaz, fatt li huwa ikkontestat mill-kontro-parti, kif affermat mill-istess avukat difensur tal-intimat. Ghalhekk, ghad mhuwiex determinat kinux qed isiru hlasijiet ta' kera mill-intimat.

Illi l-intimat qed jikkampa fuq il-fatt, li ladarba kien hemm hlasijiet ta' kera fl-2015 u 2016, hu ghandu titolu lokatizju. Madankollu, din it-tezi tal-intimat hija kontradetta mir-rikorrenti, *stante* li mix-xhieda ta' Jason Pisani qal li kien anke kellem lill-ulied l-intimat, li kienu accettaw li missierhom johrog minn hemm.

Ghalhekk, mill-provi imressqa f'dan l-istadju, ma jistax jigi stabbilit li l-intimat huwa 'kerrej'. Jigi ritenut, li l-istess eccezzjoni, kif imressqa, timplika b'mod manifestament car, li l-iskrittura esebita minnu trid tigi evalwata u skrutinizzata, sabiex jigi determinat jekk l-iskrittura esebita a fol 24 hijiex valida, kwindi qabel ma jsir dan l-isharrig, ma jistax jigi stabbilit jekk l-intimat huwiex 'kerrej'. Inoltre jispetta l-iskrutinju tal-ircevuti tal-kera esebiti minnu.

*In vista* tal-premess, ladarba ir-rikorrenti qed jallegaw li l-intimat m'ghandux titolu lokatizju, u m'hemm l-ebda premessa imsejsa fuq xi kirja jew dritt lokatizju, din il-Qorti

hija kompetenti biex tiddetermina jekk l-intimat huwiex jokkupa minghajr titolu validu jew le. Ovvjament f'kaz li jirrizulta li l-intimat ghandu fattwalment u guridikament titlu ta' kera, allura din il-Qorti tabilfors tirrikonoxxi l-kompetenza lill-Bord tal-Kera.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi ghar-ragunijiet dedotti, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u tiddikjara li ghandha l-kompetenza *ratione materiae* biex tkompli tisma' dan il-kaz kif propost, kwindi tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali**.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2018**